# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 26 ta` Mejju 2016**

**Kawza Nru. 11**
**Rik. Gur. Nru. 367/15 JZM**

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143)**

***kontra***

**(1) Samantha Zammit (K.I. 211990M) ;**

***u***

**(2) Felix Zammit (K.I. 533064M) *u* martu (3) Carmela Zammit (K.I. 49163M) ghal kull interess li jista` jkollha, in solidum u bejniethom**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-22 ta` April 2015 li jaqra hekk :–

*1. ILLI s-socjeta` rikorrenti harget il-polza tal-assikurazzjoni bin-numru A4900 0166609, liema polza kienet tkopri l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAJ 347, u liema polza kienet tkopri esklussivament lil sid il-vettura u cjoe` Felix Zammit [I.D. 533064M] u lil ebda sewwieq iehor, u dana skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati **Dok. GMI.1** u **Dok.GMI.2** ;*

*2. ILLI l-vettura msemmija kienet involuta f`incident awtomobilistiku fit-22 ta` Gunju, 2009 - waqt illi kienet qed tinstaq mill-intimata Samantha Zammit [I.D.211990M] li tigi bint l-intimati l-ohra Felix u Carmen Zammit, u li fil-gurnata tal-incident ma jirrizultax li kellha xi licenzja tas-sewqan tal-vetturi, u kwindi ma kinitx sewwieqa awtorizzata skont il-polza assikurattiva u skont il-ligi, u dan kif jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija anness u mmarkat **Dok.GMI.3** ;*

*3. ILLI in segwitu ta` arbitragg ipprezentat fic-Centru Malti tal-Arbitragg fl-ismijiet "Atlas Insurance PCC Limited et -vs- Samantha Zammit, u s-socjeta` GasanMamo Insurance Limited (C-3145) li giet awtorizzata tintervjeni in statu et terminis" (Arbitragg Numru M2315/2010), li deciz permezz ta` lodo moghti mill-arbitru Dr Joseph Micallef Stafrace fit-3 ta` Frar 2011, l-intimata Samantha Zammit giet iddikjarata bhala unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u sussegwentement giet ikkundannata illi thallas danni lill-atturi f`dak l-arbitragg fl-ammont ta` elfejn seba` mija u tlieta u disghin Euro u sebgha u disghin Euro centezmi (€2,793.97) oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet skont id-decizjoni - **Dok.GMI.4** ;*

*4. ILLI s-socjeta` rikorrenti hallset lil Atlas Insurance PCC Limited is-somma komplessiva ta` erbat elef, mitejn u tlieta u erbghin Euro u wiehed u tmenin Euro centezmi (€4,243.81) in linea ta` danni, spejjez u imghaxijiet, u dana kif kellha l-obbligu illi taghmel ai termini tal-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta` Malta – **Dok.GMI.5** sa **Dok.GMI.6 ;***

*5. ILLI permezz ta` sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fit-28 ta` Jannar 2013 fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe -vs- Samantha Zammit, u b`digriet tal-21 ta` Lulju 2010*

*is-socjeta` GasanMamo Insurance Limited (C-3145) intervjeniet fil-kawza in statu et terminis" (Rikors Numru 514/2010), l-intimata Samantha Zammit giet iddikjarata bhala unikament risponsabbli ghall-incident in kwistjoni u sussegwentement giet ikkundannata illi thallas danni lill-atturi f`dik il-kawza fl-ammont ta` erbatax-il elf sitt mija tmienja u erbghin Euro u erbgha u disghin Euro centezmi (€14,648.94) oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet skont is-sentenza –* ***Dok.GMI.7*** *;*

*6. ILLI s-socjeta` rikorrenti hallset lil Fogg Insurance Agencies Limited is-somma komplessiva ta` ghoxrin elf u disa` mija u hamsa u sebghin Euro u tmienja u hamsin Euro centezmi (€20,975.58) in linea ta` danni, spejjez u imghaxijiet, u dana kif kellha l-obbligu illi taghmel ai termini tal-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta` Malta -* ***DOK GMI.8*** *sa* ***DOK GMI.9****;*

*7. ILLI s-socjeta` rikorrenti sal-lum soffriet danni ammontanti komplessivament fl-ammont ta` sebgha u ghoxrin elf seba` mija tmienja u wiehed Euro u hdax-il centezmi (€27,701.11) ;*

*8. ILLI ghal dawn id-danni jahtu l-intimati in solidum u bejniethom, u dana stante illi l-intimat Felix Zammit ippermetta illi l-vettura assikurata f`ismu tinstaq minn persuna illi ma kinitx tgawdi minn kopertura skont il-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni; u stante illi l-intimata Samantha Zammit kissret it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva in kwistjoni. Meta saqet l-istess vettura minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan u minghajr ma kienet koperta taht il-polza assikurattiva mahruga fir-rigward tal-vettura bin-numru ta` registrazzjoni FAJ 347 ;*

*9. ILLI dawn il-fatti kollha kif suesposti graw waqt illi l-intimat Felix Zammit kien mizzewweg lil martu Carmela Zammit, li ghalhekk kellha sehem fil-komunjoni tal-akkwisti bejniethom ;*

*10. ILLI ghaldaqstant hemm lok illi s-socjeta` rikorrenti tigi rizarcita ghad-danni illi soffriet minhabba l-agir abbuziv u illegali tal-intimati u ghalhekk qeghdin jigu stitwiti il-proceduri odjerni.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta` rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*1. Tiddikjara illi bl-ghemil taghhom l-intimati ma onorawx it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurativa bin-numru A4900 0166609 mahruga mis-socjeta` rikorrenti fir-rigward tal-vettura bin-numru ta` registrazzjoni FAJ 347 proprjeta` tal-intimat Felix Zammit ;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta` ta` sebgha u ghoxrin elf seba` mija tmienja u wiehed Euro u hdax-il centezmi (€27,701.11) jew kwalunkwe somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta` periti nominandi ;*

*3. Tikkundanna lill-intimati, in solidum u bejniethom sabiex ihallsu s-somma hekk illikwidata.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dan ir-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta` dan ir-rikors guramentat sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati illi huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija rikorrenti u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Samantha Zammit li kienet prezentata fl-<u>24 ta` Gunju 2015</u> li taqra hekk :–

*1. Illi l-intimata tissottometti* ***illi hija mhux il-legittimu kontradittur, stante illi ebda polza ta` assikurazzjoni ma giet mahruga****, u ghalhekk qatt ma jista jkun hemm dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti fis-sens illi hija ma onoratx it-termini tal-istess polza ;*

*2. Illi konsegwentement ma* ***<u>kien hemm ebda obbligu kuntrattwali</u>*** *bejn l-istess intimata Samantha Zammit u s-socjeta` rikorrenti*

*3. Illi ghalhekk isegwi illi r-rikorrenti ma setghet qatt ikkawzat danni lis-socjeta` rikorrenti u dan peress illi* ***ma kien hemm ebda forma ta` ksur ta` xi obbligu kuntrattwali da parti taghha lejn l-istess socjeta`*** *;*

*4. Illi fi kliem iehor ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-intimata u s-socjeta` rikorrenti u ghalhekk hija ma tistax tigi kkundannata thallas ghal kwalunkwe danni ;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz ;*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati fir-risposta guramentata tal-konvenuta Samantha Zammit.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Felix u Carmela konjugi Zammit li kienet prezentata fl-24 ta` Gunju 2015 li taqra hekk :–

*1.* ***Illi l-intimati mhumiex il-legittimi kontradditturi u ghalhekk ghandhom ikunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u minn kwalunkwe spejjez relatati mal-proceduri odjerni****, u dan peress illi huma ma ghandhom ebda responsabbilita` ghall-incident de quo u ghalhekk ma jistghu qatt jigu misjuba hatja li ma onorawx it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva u konsegwentement kkundannati jhallsu kwalunkwe danni.*

*2. Illi dan qed jigi sottomess peress illi ma jezisti ebda ness bejn l-incident li kkawzat l-intimata binthom Samantha, u l-intimati Felix u Carmela Zammit, u dan peress illi l-istess binthom hadet il-vettura taghhom targata FAJ-347 minghajr il-permess jew il-kunsens taghhom, u fil-fatt ad insaputa totali taghhom, waqt illi huma lanqas biss kienu d-dar. Konsegwentement ma kien hemm l-ebda ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza assikuratrici kif allegat.*

*3. Illi fil-fatt, u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza, l-intimati saru jafu li binthom hadet il-vettura taghhom, BISS wara li huma gew infurmati bl-incident innifsu mill-Pulizija stess.*

*4. Illi fil-fatt il-Pulizija kienet hadet passi kriminali BISS fil-konfront ta` Samantha Zammit ghal dan l-incident.*

*5. Illi FIL-FATT ghalkemm skont il-ligi taghna, il-fatt li tippermetti lil xi hadd isuq vettura, minghajr ma jkollu licenzja tas-sewqan, huwa reat kriminali, hadd minn l-intimati Felix u Carmela Zammit ma tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex iwiegeb ghal tali akkuza.*

*6. ILLI GHALHEKK ASSOLUTAMENT MHUX MINNU DAK LI PREMETTIET IS-SOCJETA` RIKORRENTI, U CIOE ILLI L-INTIMATI CARMELA U FELIX ZAMMIT IPPERMETTEW ILLI L-VETTURA ASSIKURATA F`ISIMHOM TINSTAQ MINN PERSUNA ILLI MA KINITX TGAWDI MINN KOPERTURA SKONT IL-POLZA MAHRUGA FAVUR TAGHHOM.*

*7. Illi fil-fatt hija binthom Samantha Zammit, l-intimata wkoll, li tahti unikament ghall-incident mertu ta` dawn il-proceduri, u konsegwentement ghandha tkun hi ESKLUSSIVAMENT li tigi kkundannata thallas id-danni emergenti minn tali incident, a favur tas-socjeta` attrici.*

*8. Illi fil-fatt kienet l-istess **intimata Samantha Zammit li wahedha diga` giet dikjarata responsabbli ghall-incident mertu ta` dawn il-proceduri u ghad-danni konsegwenzjali** u dan kif evidenzjat minn zewg sentenzi esebiti mar-rikors promotur mis-socjeta` rikorrenti stess;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti konjugi Zammit fir-risposta guramentata.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Max Borg Bonello, kif ukoll id-dokumenti li kienu prezentati mal-istess.

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Dr. Elizabeth Quintano u ta` Stephen Cachia fl-udjenza tad-29 ta` Ottubru 2015, u rat id-dokumenti li pprezentaw ix-xhieda fl-istess udjenza.

Rat in-nota b`dokument li pprezentat is-socjeta` attrici fid-29 ta` Ottubru 2015.

Semghet ix-xiehda ta` P.C. 1066 Anthony Guillaumier u ta` P.S. 601 Justin Spiteri fl-udjenza tat-18 ta` Jannar 2016.

Semghet ix-xiehda tal-konvenuti Felix Zammit u Samantha Zammit fl-udjenza tat-18 ta` Frar 2016.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta` Marzu 2016.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Maximilian sive Max Borg** - Deputy Manager - Motor Claims Department – socjeta` attrici – xehed illi s-socjeta` attrici kienet l-assikuratur tal-vettura Nru FAJ 347 ta` l-ghamla Ford Escort registrata fl-isem tal-konvenut Felix Zammit. In-nru tal-polza ta` l-assikurazzjoni kien A49000166609. Il-polza kienet tat-tip *third party fire & theft* u kienet tkopri biss lil Felix Zammit.

Xehed illi l-vettura kienet involuta f`incident awtomobilistiku li gara fit-22 ta` Gunju 2009 fi Triq Dicembru Tlettax, Marsa. Il-vettura kienet qeghda tinsaq mill-konvenuta Samantha Zammit, li tigi bint il-konvenuti konmjugi Zammit. Din ma kellhiex licenzja tas-sewqan ; u ghalhekk ma kellha l-ebda koperatura skont il-polza ta` assikurazzjoni li s-socjeta` attrici kienet harget ghall-vettura de qua.

Stqarr illi fit-23 ta` Gunju 2009, il-konvenut mar l-ufficcju taghhom sabiex javzahom bl-incident u jiftah *claim*. Huma nfurmaw lill-konvenut li ma kienx hemm kopertura taht il-polza ghall-incident, peress li l-vettura kienet misjuqa minn Samantha Zammit.

Kompla jghid illi fl-istess jum, sar kuntatt mas-socjeta` attrici minn Cynthia Anne Ellul, sid tal-vettura Nru CYN 019 tal-ghamla Volkswagen Polo liema vettura kienet involuta fl-incident. Din il-persuna nfurmat lis-socjeta` attrici li kienet ser tiftah claim mas-socjeta` assikuratrici Fogg Insurance Agencies Limited li maghhom kienet assikurata skont polza ta` assikurazzjoni "comprehensive".

Fisser illi fit-3 ta` Settembru 2009, is-socjeta` attrici nfurmat lill-konvenut illi d-danni taz-zewg vetturi li garrbu hsara fl-incident, u li kienu pparkjati, kienu jammontaw ghal €15,000.

Qal illi huma ghamlu suggeriment lill-konvenut sabiex jaghmel hu kuntatt mal-assikuraturi taz-zewg vetturi, sabiex jasal fi ftehim maghhom, u fuq li jasal, javza lis-socjeta` attrici.

Kompla jixhed illi fit-8 ta` Ottubru 2009, Fogg Insurance Agencies Limited avzawhom li ma setghux jaccettaw it-termini proposti mill-konvenut ghall-hlas tad-danni billi l-ammont mensili propost kien baxx.

Sostna illi fid-19 ta` Novembru 2009, huma tkellmu ma` l-konvenut li qalilhom li, skont parir legali li kellu, kien ser jistenna lil min kellu interess sabiex jipprocedi fil-qrati.

Qal illi in segwitu l-konvenut kien mitlub sabiex imur ikellem lil rapprezentanti tas-socjeta` attrici flimkien mal-konvenuta bintu sabiex jintlahaq ftehim rigward il-hlas. Il-posizzjoni tal-konvenut kienet illi bintu kien ghad kif kellha tarbija, u li huwa ma kienx qed jahdem.

Stqarr illi fis-26 ta` Novembru 2009, huma regghu ghamlu kuntatt ma` l-konvenut sabiex imur ikellimhom, izda rrifjuta wara parir legali. Dakinhar stess is-socjeta` attrici rceviet ittra ufficjali minghand Fogg Insurance Agencies Limited, li ntbaghtet ukoll lill-konvenuta Samantha Zammit, fejn intalab pagament ta` €14,648.94c. Fis-27 ta` Novembru 2009, is-socjeta` attrici baghtet ittra lill-konvenuti fejn avzathom illi l-polza ta` l-assikurazzjoni ma kenitx tkopri lil Samantha Zammit u li huma kellhom ikellmuhom sabiex jaslu fi ftehim in vista ta` l-ittra ufficjali.

Fisser illi fit-28 ta` Dicembru 2009, is-socjeta` attrici rceviet email minghand Atlas Insurance PCC Limited fejn sar kwezit jekk saritx claim da parti ta` l-assikurat. Huwa wiegeb illi s-sewwieqa ma kinitx koperta bil-polza ta` assikurazzjoni. Fl-4 ta` Jannar 2010, is-socjeta` attrici kienet notifikata b`risposta ta` Samantha Zammit ghall-ittra ufficjali li kienetipprezentat kontra taghha fejn cahdet ir-responsabbilita` ghall-incident. Fit-13 ta` Jannar 2010, is-socjeta` attrici rceviet ittra ufficjali minghand Atlas Insurance PCC Limited fejn intalab il-pagament ta` €2,793.97c. Fit-18 ta` Jannar 2010, giet notifikata r-risposta ta` Samantha Zammit ghal din l-ittra ufficjali. Fis-26 ta` Frar 2010, is-socjeta` attrici baghtet ittra legali lill-konvenuti fejn rega` nterpellathom sabiex jaghmlu ftehim maghha dwar il-hlas tad-danni.

Kompla jghid illi fl-20 ta` Mejju 2010, is-socjeta` attrici giet notifikata b`notice of arbitration li kienet ipprezentata fic-Centru Malti tal-Arbitragg mis-socjeta` Atlas Insurance PCC Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Felix Agius kontra Samantha Zammit fejn talbet risarciment tal-ammont ta` €2,793.97c in linea ta` danni kif ukoll spejjez ohra nkorsi minhabba l-incident. Fl-24 ta` Mejju 2010, is-socjeta` attrici rceviet ittra ufficjali minghand Fogg Insurance Agencies Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghhom, fejn kienet giet infurmata skont il-ligi dwar proceduri gudizzjarji li kienu nizjati. Is-socjeta` attrici nterveniet *in statu et terminis* fil-procediment.

Qal illi fit-3 ta` Frar 2011, il-procedura ta` arbitragg mandatorju fl-ismijiet "*Atlas Insurance PCC Limited vs Samantha Zammit et*" kien deciz b`lodo tal-Arbitru Av. Joseph Micallef Stafrace fejn Samantha Zammit giet dikjarata unikament responsabbli ghall-incident, u ghalhekk kienet ikkundannata thallas danni fl-ammont ta` €2,793.97c oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet. Fit-28 ta` Jannar 2013, permezz ta` sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza "*Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Samantha Zammit et*" l-istess Samantha Zammit kienet dikjarata unikament responsabbli ghall-istess incident u kundannata li thallas danni. Fil-25 ta` Frar 2013 is-socjeta` attrici rceviet email minghand Fogg Insurance Agencies Limited sabiex thallas danni, imghax u spejjez fl-ammont ta` €20,975.58c a tenur tal-Art 10 tal-Kap 104. Fis-26 ta` Gunju 2013, is-socjeta` attrici rceviet ittra minghand Atlas Insurance PCC Limited sabiex thallas l-ammont ta` €4,243.81 ukoll ai termini ta` l-Art 10 tal-Kap 104.

Ix-xhud ghalaq id-deposizzjoni tieghu billi ghamel riassunt tal-pretensjoni tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` €27,701.11 :-

€20,975.58 :
danni, imghax u spejjez li thallsu lil Fogg Insurance Agencies Limited ;

€4,243.81 :
danni, imghax u spejjez li thallsu lil Atlas Insurance PCC Limited ;

€169.92 :
ricerki notarili ;

€2,043.69 :
drittijiet ta` GVTH Advocates fil-kawza deciza minn din il-Qorti (Rik. Gur. Nru 510/2010) ;

€261.12 :
drittijiet ta` GVTH Adwocates fl-arbitragg Nru M2315/2010 ;

€6.99 :
rapport tal-pulizija

<u>**Av. Dr. Elizabeth Quintano**</u> - rapprezentant tar-Registratur Qrati Kriminali – ipprezenta kopja ta` sentenza moghtija fil-25 ta` Settembru 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera fil-kawza fl-ismijiet

"*Il-Pulizija vs Samantha Zammit*". Minn din is-sentenza ma kienx hemm appell.

**Stephen Cachia** – rapprezentant ta` Transport Malta - xehed illi l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni FAJ 347 hija Ford Escort ta` kulur silver registrata fuq Felix Zammit. Il-vettura ilha hekk registrata mit-22 ta` Lulju 1997. Ic-certifikat ta` l-assikurazzjoni inhareg fit-8 ta` Lulju 2009 mis-socjeta` attrici bin-nru A49000166609. Kien jaghti kopertura assikurattiva sat-30 ta` Gunju 2009. B`dan ic-certifikat thallset il-licenzja ghaz-zmien ta` bejn l-1 ta` Lulju 2008 u t-30 ta` Gunju 2009. Din kienet l-ahhar licenzja li harget ghall-vettura. Il-vettura giet iggaraxxjata fil-31 ta` Awissu 2009. Samantha Zammit sal-lum ghad m`ghandhiex licenzja tas-sewqan. Ma setax ighid lil min kienet tkopri l-polza.

**PC 1066 Anthony Guillaumier** xehed illi wara li sehh l-incident in kwistjoni huwa mar fuq il-post flimkien ma` PS 601 Justin Spiteri li investiga l-incident. Il-kompitu tieghu kien li jiehu hsieb it-*traffic management* fi Triq Dicembru Tlettax.

**PS 601 Justin Spiteri** xehed illi fit-22 ta` Gunju 2009 ghall-habta tat-3.00 pm kien nfurmat b`incident tat-traffiku li gara fi Triq Dicembru Tlettax Marsa. Mar fuq il-post ma` PC 1066 Anthony Guillaumier u hemm sab il-vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta` registrazzjoni FAJ 347 mahbuta go zewg vetturi ohra li kienu pparkjati fis-service road li hemm fl-istess triq liema vetturi kienu ta` ghamla Volkswagen u Toyota. Ix-xufier tal-Ford Escort kienet il-konvenuta Samantha Zammit. Billi fl-incident korriet ittiehdet l-isptar bl-ambulanza. Wara li kienu rintraccjati s-sidien tal-vetturi pparkjati u ttiehdu d-dettalji taghhom, huwa mar l-isptar biex ikellem lil Samantha Zammit. Hija qaltlu illi hadet il-karozza ta` missierha minghajr il-permess tieghu. Qaltlu li hassitha ma tiflahx, tilfet il-kontroll tal-vettura u baqghet diehla fil-vetturi pparkjati. Qaltlu li ma kellhiex licenzja tas-sewqan. Ittiehdu proceduri kriminali kontra taghha. Kellem ukoll lil missierha Felix Zammit li kien is-sid tal-Ford Escort. Qallu li kien xoghol meta bintu hadet il-karozza. Dan qatt ma dahhal rapport li l-vettura tieghu kienet insterqet.

Fil-**kontroezami**, is-Surgent Spiteri stqarr illi meta mar fuq il-post Samantha Zammit kienet ghadha fil-karozza. Qalet li kienet migugha ghalkemm ma kienux jidhru feriti. Huwa xorta wahda cempel ghall-

ambulanza. Dak il-hin ma staqsiha xejn ghaliex il-prijorita` tieghu kienet illi din titlaq lejn l-isptar. Huwa kellimha meta kienet fil-cubicle tal-ward tal-Emergenza tal-isptar wara li kiseb il-permess tat-tobba. Zammit kienet trankwilla meta kellimha. Ikkonfermat mieghu li ma kellhiex licenzja tas-sewqan. Ma ttiehdu l-ebda passi kriminali kontra Felix Zammit.

**<u>Il-konvenut Felix Zammit</u>** xehed illi Samantha Zammit hija bintu u Carmela Zammit hija martu. Dakinhar ta` l-incident, huwa kien xoghol il-fabbrika tal-BIM il-Marsa bejn is-2.00 pm u l-10.00 pm. Cemplulu l-pulizija dwar l-incident u avzawh li Samantha kienet habtet bil-vettura tieghu. Mar fi Triq Dicembru Tlettax u ra l-vetturi mahbutin. Stqarr illi huwa ma ta permess lil hadd biex isuq il-vettura tieghu ; lanqas lil Samantha. Kien izomm ic-cwievet go cupboard. Ma jafx li Samantha kienet taf issuq ; jista` jkun li l-gharus taghha kien qed jghallimha l-karozza minn wara dahru. In-numru tal-vettura tieghu huwa FAJ 347. Id-dar mieghu jghixu martu, iz-zewg uliedu, Samantha wahda minnhom, kif ukoll il-wild ta` Samantha. Il-vettura kien isuqha huwa biss.

Kompla jixhed illi huwa mar jara lil bintu l-isptar. Hija qaltlu li saqet il-karozza tieghu sabiex tnehhi hajjitha b`idejha. Huwa qal b`dan lill-pulizija. Jaf li Samantha kienet tabbuza minn xi droga. Huwa dejjem qieghed ic-cwievet tal-karozza go cupboard u bintu hadithom minn hemm. Lilu qaltlu li dik kienet l-ewwel darba li hadet ic-cwievet.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Felix Zammit xehed illi huma joqghodu l-Qrendi. Kien hemm distanza mhux hazin bejn il-Qrendi u l-post tal-incident. Wara l-incident sar jaf li kien l-gharus taghha li kien qed jghallimha ssuq bla ma kien jaf huwa. L-gharus ta` bintu kien minn Hal-Qormi. Lanqas martu ma kienet taf b`xejn. Ma kienx jaf x`kienu l-konsegwenzi li xi hadd li mhux assikurat isuq vettura. Min-naha tieghu huwa kien assikurat. Qal illi martu ma tafx issuq ; ibnu huwa izghar minn Samantha u ma kienx isuq. Kontra tieghu, ma ttiehdux proceduri kriminali.

Stqarr illi l-karozza kienet ilha assikurata mill-1997. Meta ghamel l-assikurazzjoni l-ewwel darba, uliedu kienu ghadhom tfal. Qal illi jaf li l-polza harget f`ismu. Huwa kkonferma li wara li sehh l-incident kien mar ghand is-socjeta` attrici biex jiftah il-claim a fol 80 u kien anke ffirma l-claim, ghalkemm il-formola mtliet mill-impjegati tas-socjeta` attrici wara li fissrilhom x`kien gara. Huwa spjega li ma tantx jaf jaqra. Mieghu ghand is-

socjeta` attrici marru l-gharus tas-sid tal-vettura li kienet ipparkjata. Meta saret il-claim, huwa ta l-indirizz tieghu. Qal illi Samantha kienet ghamlet ftit zmien tghix Hal Qormi ma` l-gharus taghha. Ghamlet hekk ghaliex kellha disgwid mieghu u ma` ommha meta harget tqila. Huwa ma tax l-indirizz ta` Hal Qormi lis-socjeta` attrici. Ghalkemm kienet tghix ma` l-gharus taghha Hal-Qormi, ic-cavetta tad-dar taghhom baqghet ghandha. Insista li Samantha hadet ic-cavetta tal-karozza minghajr il-permess tieghu u li ma kienx jaf illi kienet taf issuq.

**<u>Il-konvenuta Samantha Zammit</u>** xehdet illi kellha 19-il sena fiz-zmien meta gara l-incident. Kienet toqghod il-Qrendi izda kienet ghamlet xi zmien qabel ma kellha t-tifel tghix maz-zija taghha Hal Qormi. Illum ghandha tliet ulied. Taccetta li fil-passat kellha l-vizzju tad-droga u kienet tkun marida hafna. Dakinhar tal-incident, hadet il-karozza tal-genituri taghha meta kulhadd kien diga` telaq mid-dar. Missierha kien xoghol, ommha u t-tarbija kienu ghand iz-zija taghha Haz-Zebbug, waqt li huha kien ghand il-partner li kellu dak iz-zmien. Il-karozza ta` missierha kienet fil-garage ta` missierha. Kienet taf fejn missierha kien izomm ic-cavetta tal-karozza, ghaliex tghid li kienet segwietu bla ma hallietu jaraha. Missier binha kien ghallimha kif issuq. Fiz-zmien tal-incident, kienet ghadha qed titghallem issuq u kienet ilha titghallem ghal xi xhur. Tistqarr illi dik kienet l-ewwel darba li messet il-vettura ta` missierha. Qabel dakinhar kienet saqet il-vettura tal-gharus taghha meta kien ikun maghha. Qalet li kienet taf id-differenza li jkollha licenzja tas-sewqan u meta ma jkollokx, kif ukoll xi jfisser li tkun assikurat u meta ma tkunx. Stqarret illi ghalkemm kienet mugugha meta gara l-incident, kienet f`sensieha. Kienet sejra l-Belt Valletta biex tnehhi hajjitha b`idejha. Taf li rat dalma sewda quddiemha u sar l-incident. Dak iz-zmien kienet tiehu l-eroina. Dakinhar kienet iggieldet ma` l-gharus taghha, li kien jigi missier binha li dak iz-zmien kellu sitt xhur.

## III. <u>L-eccezzjonijiet tal-konvenuta Samantha Zammit</u>

L-erba` eccezzjonijiet tal-konvenuta Samantha Zammit ghandhom l-istess gherq u cioe` illi l-pretensjoni illi bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuta Samantha Zammit ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika, u ghalhekk ma setghet qatt tkun il-legittima kontradittur tas-socjeta` attrici.

Fil-kors tad-dibattiment orali qabel il-kawza thalliet ghad-decizjoni, saret riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-1 ta` April 2005 fil-kawza "**Hugh Zammit nomine vs John Mifsud et**".

Din il-Qorti tirreferi ghal fejn l-Ewwel Qorti pprovdiet dwar l-eccezzjoni ta` l-konvenut George Mifsud meta dan eccepixxa li ma kellux relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici.

Inghad hekk :-

*"Ma hemmx dubbju u lanqas ma hu kkontestat li l-incident li ta` lok ghad-danni fuq imsemmija sehh waqt li l-vettura assikurata mas-socjeta` attrici kienet misjuqa minn persuna li l-kopertura fil-konfront taghha kienet ristretta b`referenza ghal eta` taghha. Infatti kif gja rajna l-polza kienet tirrikjedi li sabiex George Mifsud jkun jista` juza l-vettura koperta bil-polza imsemmija, kellu qabel xejn jghalaq l-eta` ta` wiehed u ghoxrin sena. Isegwi li l-"authorised insurer" li jkun issodisfa l-obbligi tieghu skond il-ligi, jkun intitolat jiehu lura minghand l-assikurat "kull somma mhallsa minnu biex tigi sodisfatta, f`kollox jew f`parti, ir-responsabbilita` ta` persuna koperta bil-polza." Il-persuna koperta` bil-polza fid-data tal-incident kienet John Mifsud jew kull persuna ohra li tkun fuq il-hamsa u ghoxrin sena u qed issuq il-vettura tieghu "on the insured`s order or his permission." Il-konvenut George Mifsud qatt ma seta` kien kunsidrat bhala assikurat billi hemm eskluzjoni specifika 'bil-kwalifika ta` l-eta' fil-konfront tieghu. Ghalhekk ir-responsabbilita` ghar-risarciment taqa` fuq John Mifsud qua policy holder."*

Billi ma kienx hemm appell dwar dan l-aspett, fil-kors tat-Tieni Istanza, ma kenitx trattata l-kwistjoni jekk George Mifsud kienx tabilhaqq il-legittimu kontradittur tas-socjeta` attrici.

Wara din is-sentenza, kien hemm decizjoni ohra li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (**GABV**) fis-7 ta` Ottubru, 2013 fil-kawza "**GasanMamo Insurance Agency Limited noe vs Philip Dimech pro et noe et**" fejn segwiet dak li deciz fis-sentenza hawn fuq citata, u ordnat il-liberazzjoni tas-sewwieq mill-osservanza tal-gudizzju. Minn din is-sentenza, ma jirrizultax li kien hemm appell.

Fis-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fl-14 ta` Frar, 2014 fil-kawza "**Fogg Insurance Agencies Limited (C597) noe vs Joseph Aquilina et**" ma kenitx segwita l-istess linja ta` hsieb.

F`din il-kawza, l-assikurazzjoni attrici kienet qed tfittex li tinghata rifuzjoni tal-hlasijiet li ghamlet fir-rigward ta` incident li sehh b`vettura proprjeta` tal-assikurat Joseph Aquilina, izda li kienet misjuqa minn Mary Grace Aquilina. Dan kien kaz fejn skont il-polza ta` assikurazzjoni l-unika persuna taht il-hamsa u ghoxrin (25) sena illi kienet awtorizzata sabiex issuq il-vettura kien James Aquilina, mentri l-persuna li kienet qeghda ssuq fl-incident kienet Mary Grace Aquilina u din ma kenitx koperta.

Fl-Ewwel Istanza, u cioe` quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, qamet il-kwistjoni dwar l-applikabilita` tad-Direttiva 2009/103/EC li tittratta dwar "*insurance against civil liability in respect of the use of motor vehicles, and the enforcement of the obligation to insure against such liability*". Sar ukoll l-argument illi s-sewwieqa ma kellhiex relazzjoni guridika mal-assikurazzjoni attrici u ghalhekk intalbet il-liberazzjoni mill-osservazzjoni tal-gudizzju tas-sewwieq. Fid-decizjoni fl-Ewwel Istanza li nghatat fit-30 ta` Marzu 2012 inghad hekk :-

*"Illi f`dak li jirrigwarda l-konvenuta Mary Grace Aquilina, fil-fehma ta` dan it-Tribunal, ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-istess konvenuta, u dan fis-sens illi, ghalkemm irrizulta li kienet din il-konvenuta li giet dikjarata responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li wassal ghall-hlas mis-socjeta` attrici lil terzi tad-danni sofferti minnhom, madanakollu, ma jezisti ebda ness guridiku bejn is-socjeta` attrici u l-istess konvenuta li jwassal sabiex is-socjeta` attrici titlob refuzjoni minghandha. Illi s-socjeta` attrici wettqet il-hlas lil terzi tas-somma mertu ta` din il-kawza a bazi tal-obbligi legali rizultanti mill-Kap 104 tal-Ligijiet ta` Malta, u in forza tal-polza ta` assigurazzjoni rilaxxjata a favur il-konvenut Joseph Aquilina relattiva ghall-vettura bin-numru ta` registrazzjoni DBA 547, in kwantu din il-vettura sfat involuta fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni. Madanakollu, u f`dak li jirrigwarda Mary Grace Aquilina, ladarba din ma kienetx koperta bil-polza ta` assigurazzjoni relattiva, u ghalhekk ma hemm ebda ness kontrattwali bejnha u s-socjeta` attrici, u ma jirruzlta ebda ness guridiku iehor, allura m`hix il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni impostata mis-socjeta` attrici u ghandha tinhelesmill-osservanza tal-gudizzju."*

Is-socjeta` assikuratrici marret fl-appell.

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri rrevokat id-decizjoni tat-Tribunal. U ddikjarat illi s-sewwieqa kienet il-legittima kontradittrici tas-socjeta` assikuratrici.

Il-Qorti qalet hekk :-

*"Hu indubbju li kien hemm tali ness billi l-polza in kwestjoni ma kienitx tkopri persuni taht il-25 sena hlief persuna wahda in partikolari li kienet giet espressament imsemmija fil-polza in kwestjoni. Din il-persuna ma kienitx l-appellata Mary Grace Aqulina. Kwindi fil-hin li sehh l-incident stradali l-istess appellata kienet qed tikkontravjeni l-kondizzjonijiet tal-istess polza.Il-fatt li l-polza ma kienitx tkopri il-persuni kollha kien determinanti biex jigi kalkolat il-prezz tal-polza in relazzjoni mar-riskju li kienet qed tidhol ghalih is-socjeta` assikuratrici. In vista tal-fatt li s-socjeta` assikuratrici kellha thallas lill terzi d-danni kagunati minhabba l-agir illegittimu tal-imsemmija Mary Grace Aquilina, s-socjeta` assikuratrici kellha thallas id-danni lill terzi.L-istess socjeta` attrici ma dahhlitx biex tkopri dan ir-riskju, stante li in effett gie espressament eskluz mill-polza.Kwindi s-socjeta` assikuratrici sofriet dannu li ghalih ma kienitx strettament responsabbli, pero` kellha tkopri d-danni sabiex jigi assikurat li t-terz jithallas ghad-dannu li jkun sofra intortament. Versu l-assikuraturi hi ukoll responsdabbli l-konvenuta appellata u dan flimkien mal-konvenut appellant. Dan johrog mill-fatt li ghalkemm ma kienitx koperta mill-polza, xorta wahda kienet qed issuq il-vettura involuta fl-incident u kien tort taghha li gew kagunati d-danni in kwestjoni.Il-fatt li l-polza ma kienitx tkopri appuntu lill-appellata Aquilina ma jbiddel xejn kwantu ghar-relazzjoni guridika bejn l-assikuraturi u l-istess appellata.Hawnhekk hemm tali relazzjoni guridika in vista li kienet l-istess konvenuta appellata li kkawzat id-dannu in kwestjoni u li ghalih ghamlet tajjeb is-socjeta` assikuratrici. Hu ghalhekk li din il-Qorti ma taqbilx ma l-imsemmigja konkluzjoni li ghaliha wasal it-Tribunal, u kwindi jista jigi dikjarat li l-Qorti qed taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta` assikuratrici li l-appellata Aquilina hi responsabbli lejn l-istess assikuraturi u b`hekk hi ukoll ghandha tigi kkundannata in solidum ma` l-appellant Joseph Aquilina biex thallas lura l-ammonti sborsati mill-assikuraturi bhala danni sofferti minn terzi."*

Similment kienet iddecidiet din il-Qorti (**RCP**) fit-28 ta` Frar 2008 fil-kawza "**Middlesea Insurance p.l.c. noe et vs Mourad Ben Salem Mabrouk et**". Hem mil-Qorti sabet lis-sewwieq ukoll hati solidalment

flimkien mal-assikurat u mal-persuna l-ohra awtorizzata biex issuq il-vettura ghar-rimbors ta` l-ammonti li hallset is-socjeta` assikuratrici in linea ta` danni risultanti mill-incident tat-traffiku mertu ta` dik il-kawza.

**Din il-Qorti tikkondividi l-linja traccjata mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza li tat fil-kawza "<u>Fogg Insurance Agencies Limited (C597) noe vs Joseph Aquilina et</u>" (op. cit.) u sejra tapplikaha ghall-fini tal-kawza odjerna.**

Fil-kaz tal-lum, il-polza in kwistjoni kienet taghti kopertura lil Felix Zammit biss. Din kienet kondizzjoni u konsiderazzjoni essenzjali fil-valutazzjoni tar-riskju li hadet is-socjeta` attrici meta giet biex tohrog il-polza, u kjarament kellha effett fuq il-*quantum* tal-premium, li kien aktar baxx, ghaliex il-vettura kellha sejra tinsaq minn persuna wahda biss. Ladarba meta sehh l-incident, il-vettura ma kenitx qed tinsaq minn Felix Zammit, izda minn bintu Samantha Zammit, li ma kenitx in-*named driver,* u lanqas kellha licenzja tas-sewqan, dak l-incident ma kienx kopert mill-kondizzjonijiet tal-polza.

Fil-konfront tat-terzi li garrbu danni fl-incident, is-socjeta` attrici kienet kostretta tisborsa flus in linea ta` danni, minhabba l-agir ta` Samantha Zammit illi saqet il-vettura, minkejja li kienet taf li ma kellhiex licenzja tas-sewqan, u allura ma setax ikollha kopertura assikurativa. Li kieku kellu jinghad illi ghax il-polza ta` assikurazzjoni ma kenitx tkopri lil Samantha Zammit ghar-ragunijiet diga` mfissra, allura ma hemmx rapport guridiku bejn Samantha Zammit u s-socjeta` attrici, tkun qed tigi avvanzata pretensjoni nfondata fid-dritt ghaliex l-assikurazzjoni ma hallsitx lit-terzi sabiex taghmel pjacir lil Samantha Zammit jew ghax kienet kontrattwalment marbuta maghha, haga li ma setghetx taghmel ladarba Samantha Zammit kisret il-ligi meta saqet vettura meta ma kellhiex licenzja tas-sewqan u allura meta ma kenitx koperta b`assikurazzjoni, izda hallset ghaliex l-assikurazzjoni attrici kienet hekk **<u>obbligata</u>** taghmel fil-konfront tat-terzi skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta` Malta. Fl-istess waqt, billi l-obbligu tal-hlas tas-socjeta` attrici versu t-terzi ma kienx naxxenti minn xi obbligu taghha skont il-polza, dak il-hlas lit-terzi jissarraf fi dritt ta` rivalsa tal-assikurazzjoni attrici kontra min bl-agir tieghu tieghu skatta l-obbligu *ex lege* tal-assikurazzjoni li thallas lit-terzi.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-eccezzjonijiet kollha ta` Samantha Zammit.**

## IV. <u>L-eccezzjonijiet ta` l-konvenuti Felix u Carmela Zammit</u>

L-eccezzjoni principali tal-konvenuti hija l-ewwel wahda. Il-Qorti terga` taghmel riferenza ghas-sentenza fil-kawza "**<u>Hugh Zammit noe vs John Mifsud et" (op. cit.)</u>**

F`dak il-kaz, John Mifsud kien il-proprjetarju ta` l-vettura li fil-waqt tal-incident awtomobilistiku mertu ta` dik il-kawza kienet qeghda tinsaq minn George Mifsud.

Dan George Mifsud kien dikjarat responsabbli ghall-incident, u l-assikurazzjoni ta` John Mifsud, skont l-Art 10 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta` Malta, kellha thallas id-danni tat-terz.

In segwitu l-assikurazzjoni mexxiet bil-kawza sabiex tigbor lura l-flus li hallset lit-terzi peress illi George Mifsud ma kienx kopert bil-polza ta` l-assikurazzjoni stante li kien xufier b`eta` inferjuri ghal dik stipulata fil-polza.

F`dik il-kawza, John Mifsud eccepixxa li ma kellu jaghti xejn lill-assikurazzjoni, stante li r-responsabilita` ghall-incident kienet ta` hadd hlief George Mifsud.

L-osservazzjoni tal-Qorti fir-rigward ta` din l-eccezzjoni kienet :-

*"F`dan ir-rigward ghandu jigi osservat li r-responsabbilita` ghar-risarciment ta` danni mhallsa mill-assikurazzjoni a termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta` Malta mhux relatat mar-responsabbilita` ghall-akkadut.Izda l-obbligu tal-hlas lura ta` ammonti mhallsa mill-assikurazzjoni jitwieled minn inadempjenza kuntrattwali nkwantu l-assikurat, li jkun intrabat mal-assikurazzjoni li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala kondizzjoni tal-hrug tal-polza, jonqos li jaghmel dan.Fil-kaz in ezami l-konvenut John Mifsud, qua proprjetarju u assikurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lill-huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma dan jghalaq ilwiehed u ghoxrin sena. Kif irrizulta*

*l-incident sehh meta l-vettura kienet qed tinsaq minn George Mifsud bil-permess ta` huh, l-assikurat, u qabel ma dan kien jikkwalifika skond l-kondizzjonijiet tal-polza. Ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjeta` attrici huwa bazat fuq dan in-nuqqas jew ksur ta` kuntratt. Ghalhekk il-kwistjoni ta` minn ikkaguna d-danni originarjament fl-incident awtomobilistiku, ma ghandhix rilevanza ghal kawza odjerna."*

Fl-istess sens esprimiet ruhha l-Qorti tal-Appell dwar l-infondatezza tal-eccezzjoni li skattat l-aggravju relatat :-

*"L-ewwel aggravju ta` l-appellant John Mifsud huwa lil-ewwel Qorti ma kienitx korretta li ssibu responsabblighar-rizarciment tad-danni ta` l-incident in kwistjoni u danminhabba li kien il-policy holder tal-vettura involuta fl-istessincident.L-appellant sostna li hu qatt ma jista` jigiordnat ihallas danni kawzati fl-istess incident, metasentenza tal-Qorti attribwixxiet ir-responsabilita` tad-danni lill-persuna ohra.*

*Jidher car li l-appellant qieghed jibbaza dan l-ewwelaggravju tieghu fuq il-konsiderazzjoni li l-azzjoni tassocjeta`assiguratrici hija wahda ta` rizarciment ta` dannihekk msejha akwiljani. Madanakollu, l-azzjoni attrici filverita`ma tikkoncernax danni akwiljani izda danni kontrattwali.L-azzjoni attrici hija bazata fuqinadempjenza kontrattwali in kwantu l-assigurat, cioe` l-appellant,naqas li josserva l-obbligi imposti fuqu bhalakundizzjoni tal-hrug tal-polza ta` assigurazzjoni inkwistjoni. Dan in-nuqqas jidderiva mill-fatt li l-appellantippermetta lil huh, cioe` lill-imsemmi George Mifsud, isuq il-vettura assigurata mis-socjeta` attrici meta dan George Mifsud ma kellux l-eta` rikjesta fl-istess polza u b`hekk meta sar l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, il-polza ta`l-assigurazzjoni ma kienitx tkoprih.*

*Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fil-kaz in ezami, il-konvenut John Mifsud,bhala proprjetarju u assigurat, assuma l-obbligu li majhallix lil huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma danjaghlaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena. Irrizulta li l-appellant naqas josserva dan l-obbligu, u ghalhekk sarresponsabbli ghar-rizarciment ta` dawk il-flejjes kollha li ssocjeta`assigurattrici appellata kienet obbligata li thallaslit-terza persuna msemmija fl-incident awtomobilistiku,kollox ai termini ta` l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta`Malta. Ghalhekk ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjeta`attrici mhuwiex bazat fuq rizarciment ta` danni akwiljani,izda huwa bazat fuq in-nuqqas ta` l-appellant li josservadebitament il-kuntratt ta` assigurazzjoni li kien jezisti bejnuu bejn is-socjeta` appellata. Ghalkemm huwa veru li dinil-kawza ma kienitx tigi fis-sehh li kieku ma sehhx l-incident tawtomobilistiku in kwistjoni, madankollu wiehedghandu jiddistingwi bejn*

*id-diversi relazzjonijiet li nholqubhala rizultat ta` l-istess incident awtomobilistiku.*

*Fl-ewwel lok hemm ir-relazzjoni bejn George Mifsud u Emanuel Cardona, relazzjoni li hija bazata fuq htija akwiljana jew delittwali. Fit-tieni lok hemm ir-relazzjoni bejn Cardona u s-socjeta` appellata, liema relazzjonitohrog ex lege, cioe` tohrog mill-Artikolu 10 ta` l-imsemmi Kap.104 tal-Ligijiet ta` Malta. Fit-tielet lok, imbaghad, hemm ir-relazzjoni li qeghda tigi ezaminata f`din il-kawza, cioe` r-relazzjoni bejn is-socjeta` assigurattrici appellata u l-assigurat taghha, cioe` l-appellanti, liema relazzjoni hievidentement bazata fuq inadempjenza kontrattwali daparti ta` l-istess appellanti. Konsegwentement ghalkemm huwa veru li d-danni fl-incident awtomobilistiku in kwistjonima ikkawzahomx l-appellanti, pero` xorta wahda humadanni sofferti mis-socjeta` appellata minhabba li huwanaqas li josserva skrupolozament l-obbligi tieghu naxxentimill-kuntratt ta` assigurazzjoni bejnu u bejn is-socjeta`appellata.Konsegwentement l-ewwel aggravju ta` l-appellantma jistax jintlaqa`."*

Kien hemm kawza ohra li kienet deciza b`sentenza ta` din il-Qorti (**PA/FS**) tal-11 ta` Frar 2013 : "**GasanMamo Insurance Limited vs Alexander Jan Edward Van Reeven et**" : fejn kienet sollevata eccezzjoni mill-*policy holder* li sostna li kien imharrek inutilment.

F`dak il-kaz, saret riferenza ghal decizjoni li nghatat fil-11 ta` Mejju 2010 fil-kawza "Maria Katerina Schembri vs Jeanette Marie Van Reeven et" fejn il-konvenuta Jeanette Marie Van Reeven kienet liberata mill-osservanza tal-gudizzju, billi bhala sid tal-vettura de qua ma kellha l-ebda responsabilita` ghall-incident u li kull htija kienet tispetta lix-xufier biss.

L-eccezzjoni kienet michuda.

Il-Qorti qalet hekk :-

*"Izda l-Qorti thoss li dan mhux applikabbli. Infatti l-intimata Jeanette Marie Reeven kienet il-policy-holder tal-polza assikurattiva numru 76560502FBE763 mahruga mis-socjeta` attrici fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBE 763 proprjeta` ta` l-istess intimata ... Din il-polza assikurattiva baqghet tigi mgedda u baqghet in vigore sal-gurnata meta sehh lincident awtomobilistiku tal-5 ta` Jannar, 2009. Ghalhekk l-intimata*

*kienet dahlet f`kuntratt ta` assikurazzjoni mas-socjeta` rikorrenti u kwindi tezisti relazzjoni guridika ex contractu bejnha u bejn is-socjeta` attrici. Din ir-relazzjoni guridika tezisti minkejja kwalunkwe decizjoni jew lodo ta` l-arbitragg illi seta` lliberaha mill-htija ghall-incident msemmi, u dana li dik id-decizjoni kienet ovvjament ibbazata fuq terz illi kien qed ifittex lill-intimata Jeanette Van Reeven fuq bazi ex delictu. Ir-relazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u l-intimata Jeanette Van Reeven hija dik ta` bejn assikurattrici u assikurata."*

Din il-Qorti tikkondividi din il-gurisprudenza.

Ghalhekk tghid illi ladarba Felix Zammit kien il-*policy holder,* u l-konvenuti konjugi Zammit kienu s-sidien tal-vettura nvoluta fl-incident, l-assikurazzjoni attrici ghamlet sewwa li harrket lill-konjugi Zammit fl-azzjoni odjerna.

**Fil-fehma ta` din il-Qorti, dak li ghandu jigi stabbilit huwa jekk il-konjugi Zammit hallewx, jew b`xi mod, agevolawx is-sehh ta` l-incident, bil-konoxxenza jew accettazzjoni taghhom, illi l-vettura taghhom tinsaq minn persuna - anke jekk kienet binthom stess – li ma kenitx koperta minn polza ta` assikurazzjoni.**

Il-prova li kellha ssir hija jekk il-konvenuti konjugi Zammit ippermettewx jew addirittura tawx ic-cavetta tal-vettura lil binthom Samantha Zammit.

**Dan qieghed jigi sottolineat ghaliex ir-responsabbilita` civili ma tistax tigi pezunta - hlief fejn il-ligi tghid espressament.**

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li Samantha Zammit kienet maggorenni.

*Jidher* illi fil-konfront tal-konjugi Zammit, il-bazi tas-socjeta` attrici li titlob rifuzjoni ta` li hallset a favur terzi, kien in-nuqqas tal-assikurat (Felix Zammit) illi jiehu l-prekawzjonijiet dovuti sabiex jassikura illi l-vettura in kwistjoni tinstaq biss minnu. Skont is-socjeta` attrici, it-tehid ta` prekawzjonijiet huwa naxxenti mill-obbligi tal-assikurat skont il-kuntratt ta` assikurazzjoni.

Fil-kawza "**<u>Middlesea Insurance p.l.c. et vs Mourad Ben Salem Mabrouk et</u>**" li kienet deciza minn din il-Qorti (**<u>RCP</u>**) fit-28 ta` Frar 2008, il-konvenut Vincent Ciantar kien hareg polza ta` assikurazzjoni fuq il-vettura tieghu, bil-kundizzjoni espressa illi din kellha tinstaq minn u minn bintu l-konvenuta Karen Ciantar biss. Gara illi l-vettura kienet involuta f`incident awtomobilistiku meta kienet qeghda tinsaq mill-konvenut l-iehor cert Mabrouk illi ma kienx awtorizzat isuq biex ikollu kopertura bl-polza. L-assikurazzjoni hallset id-danni tat-terzi kif kienet obbligata, u daret fuq il-konvenuti sabiex tirkupra minghandhom il-hlas li ghamlet. L-assikurat gab l-argument illi huwa qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex il-vettura tieghu tinstaq mill-konvenut Mabrouk, propju ghaliex il-vettura ma kenitx fil-pussess tieghu. Il-Qorti cahdet dan l-argument billi qalet hekk :

*"Illi ghar-rigward tal-ksur ta` kundizzjoni min-naha ta` Vincent Ciantar, kif qalet tajjeb is-socjeta` attrici, huwa ghazel illi jirregistra l-vettura KRN 801 f`ismu, b`awtorizzazzjoni ghal sewwieq wiehed iehor biss (bintu Karen) bl-intenzjoni illi jakkwista premium aktar baxx ghall-assigurazzjoni minhabba illi bintu ma kienitx ghalqet il-hamsa u ghoxrin sena. Huwa assuma wkoll l-obbligu illi jirrispetta l-kundizzjonijiet tal-polza u illi jkun vigilanti dwar l-istess. Irrizulta b`mod car illi dan ma sehhx min-naha tieghu u allura jsegwi illi anki huwa kiser il-kundizzjonijiettal-polza".*

Il-Qorti sejra tiddetermina jekk Felix Zammit irrispettax il-kondizzjonijiet tal-polza, u jekk kienx vigilanti dwar l-istess.

Fil-kaz tal-lum, ir-risultanzi naxxenti mill-provi kienu dawn :-

1) Felix Zammit jikkontendi illi huwa qatt ma awtorizzat lil bintu Samantha Zammit, li ma kellhiex licenzja tas-sewqan, illi ssuq il-vettura tieghu. Isostni wkoll li bintu hadet il-vettura ad insaputa tieghu.

2) Irrizulta li fiz-zmien tal-incident Samantha Zammit kienet maggorenni.

3) Isostni l-istess Zammit illi kien izomm ic-cwievet go cupboard.

4) Jixhed l-istess Zammit li meta gara l-incident huwa kien ix-xoghol u kien avzat bl-incident mill-pulizija meta kien ghadu fuq il-post tax-xoghol.

5) Felix Zammit ighid illi qabel l-incident ma kellux l-icken idea illi bintu kienet taf issuq. Sar jaf biss wara l-incident meta jghid li skopra li kien dak li kien l-gharus taghha ta` dak iz-zmien li ghallimha ssuq bil-mohbi tieghu.

6) Skont Felix Zammit, wara l-incident, bintu Samantha Zammit qaltlu li dik tal-incident kienet l-ewwel darba li hadet ic-cwievet tal-karozza.

7) Samantha Zammit tixhed illi saret taf fejn missierha kien iqieghed ic-cavetta billi qaghdet ghassa tieghu bla ma hallietu jintebah hi x`kienet qeghda taghmel. Qalet ukoll illi hadet ic-cavetta meta d-dar ma kien hemm hadd. Ikkonfermat illi dik tal-incident kienet l-ewwel darba li hadet il-karozza ta` missierha.

Il-Qorti ma tistax tispekula u terhila ghal suspetti. Il-Qorti hija obbligata toqghod fuq il-provi. Trid tizen dawk il-provi bil-qies tal-kredibilita` u tal-verosimiljanza. U fuq kollox tevalwa dawk il-provi fuq bilanc ta` probabilitajiet. L-onus tal-prova jispetta lill-attur. Fil-kaz tal-lum, propju ghax semghet il-provi hi, specjalment id-deposizzjonijiet tal-konvenuti *viva voce,* kellha l-opportunita` li tqis l-imgieba, il-kondotta u l-komportament tal-konvenuti waqt il-gbir tal-provi, b`mod specjali waqt il-kontroezami.

Wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha, din il-Qorti taghti affidament ghall-verzjoni ta` Felix Zammit meta jsostni li bintu Samantha Zammit hadet il-vettura tieghu ad insaputa tieghu u saqet l-istess vettura bil-mohbi tieghu. Inoltre fil-fehma taghha ma kienx ippruvat illi Felix Zammit naqas mill-obbligi tieghu skont il-polza. B`zieda ma` dan, billi Samantha Zammit kienet maggorenni, ma tinsorgix il-prezunzjoni tal-ligi kontra l-missier u l-element tal-*culpa in vigilando.* Ma rrizultax illi Felix Zammit ppermetta illi l-vettura tinsaq minn persuna li ma kenitx validalment koperta bil-polza. Billi l-Qorti ma ssibx li kien hemm ksur tal-obbligi tal-polza, Felix Zammit m`ghandux ikun ritenut responsabbli li jirrifondi lill-assikurazzjoni attrici l-esborsi li ghamlet a favur tat-terzi

minhabba l-incident de quo. Is-socjeta' attrici gabet l-argument illi Felix Zammit ma kienx irrapporta lill-pulizija t-tehid, ghejbien jew serq tal-karozza. U ghax ma ghamilx hekk, skont is-socjeta` attrici, huwa kiser t-termini tal-polza. Din il-Qorti tghid hekk. Fl-ewwel lok, ezaminat il-polza u ma sabet l-ebda patt jew kondizzjoni kif imfisser mis-socjeta` attrici. Fit-tieni lok, anke li kieku kien hemm xi patt jew kondizzjoni skont kif pretiz mis-socjeta` attrici, irrizulta ampjament ippruvat illi Felix Zammit ma setax jaghmel rapport lill-pulizija billi t-tehid tal-karozza minn Samantha Zammit sar meta Felix Zammit kien ix-xoghol u sar jaf bl-incident meta kien avzat mill-pulizija. Fic-cirkostanzi, ma kienx ragonevoli u lanqas kien jaghmel sens illi jsir rapport ta` *serq* ta` vettura meta l-vettura nstabet mahbuta u meta rrizulta li l-vettura kienet insaqet minn Samantha Zammit bil-mohbi ta` Felix Zammit. Billi kien jidher evidenti mill-bidu nett illi l-misfatt twettaq kollu kemm hu minn Samantha Zammit wahedha, il-pulizija ma hadet l-ebda proceduri kriminali kontra Felix Zammit.

Daqstant ghar-rigward ta` Felix Zammit.

Dwar Carmela Zammit (mart Felix u omm Samantha) jidher anke mill-*occhio* stess tal-kawza illi din kienet imharrka ghal kull interess li jista` jkollha billi kienet konjugata ma` Felix Zammit. Fl-istess waqt il-polza mas-socjeta` attrici kienet kontrattata minn Felix Zammit wahdu. Huwa evidenti illi Carmela Zammit spiccat involuta mhux daqstant ghaliex kien hemm allegazzjoni ta` nuqqas fil-konfront taghha, izda sabiex fil-kaz li l-esitu jkun sfavorevoli ghal zewgha u favur is-socjeta` attrici l-pronunzjament tal-Qorti kontra zewgha jkollu l-effett li jissarraf fil-konfront taghha wkoll bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti mal-istess Felix Zammit.

Ladarba ma kienx ippruvat – lanqas minimament – illi Carmela Zammit kienet involuta fit-tehid tal-karozza u fil-konsegwenzi ta` dak it-tehid, allura – bhala zewgha – sejra tkun esonerata minn kwalsiasi obbligu versu s-socjeta` attrici.

**Il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Zammit.**

## V. <u>It-talbiet attrici</u>

L-incident stradali mertu ta` din il-kawza gara unikament htija tal-konvenuta Samantha Zammit. Il-fatt wahdu li saqset vettura bla ma kienet koperta b`polza ta` assikurazzjoni ma kienx il-prova determinanti tar-responsabilita` ghall-incident. Il-prova harget mill-fatt illi saqet il-vattura ghal go vetturi pparkjati. Ghalhekk dan kien kaz ta` *res ipsa loquitur*. Il-fatt illi skont il-konvenuta kienet fi triqitha lejn il-Belt Valletta sabiex tnehhi hajjitha b`idejha ma jesonerax lill-konvenuta minn responsabilita` ghall-habta fil-vetturi pparkjati. Ghalhekk trid iggorr responsabilita` ghall-konsegwenzi kollha ta` dak l-incident.

Ghar-ragunijiet diga` spjegati meta ttrattat l-eccezzjonijiet ta` Samantha Zammit, il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel talba fil-konfront tal-istess Samantha Zammit wahedha.

Ghar-rigward tat-tieni talba, il-Qorti hija tal-fehma illi l-*quantum* mhux biss ma kien bl-ebda mod ikkontestat izda kien debitament ippruvat u dokumentat. It-tieni talba qeghda tkun milqugha kif dedotta kontra Samantha Zammit wahedha.

Ghar-rigward tat-tielet talba, eskluza s-solidarjeta` stante li l-konjugi Zammit ma ghandhomx iwiegbu ghall-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici, ir-rifuzjoni tal-ammont skont it-tieni talba ghandu jsir minn Samantha Zammit wahedha, bl-imghax legali mid-9 ta` Gunju 2015, data tan-notifika tar-rikors guramentat (ara "**Costantino Abela vs George Azzopardi**" : Qorti tal-Appell : 7 ta` Ottubru 2005).

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta Samantha Zammit.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti Felix u Carmela konjugi Zammit.**

**Tillibera lill-konvenuti Felix u Carmela konjugi Zammit mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tilqa` l-ewwel talba attrici fil-konfront biss tal-konvenuta Samantha Zammit.**

**Tilqa` t-tieni talba u tillikwida d-danni tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` sebgha u ghoxrin elf seba` mija u wiehed Ewro u hdax-il centezmu (€27,701.11).**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tikkundanna lill-konvenuta Samantha Zammit sabiex thallas in linea ta` danni lis-socjeta` attrici l-ammont ta` sebgha u ghoxrin elf seba` mija u wiehed Ewro u hdax-il centezmu (€27,701.11), bl-imghax legali b`effett mid-9 ta` Gunju 2015 (data tan-notifika tar-rikors guramentat) sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenuta Samantha Zammit sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru li kien ipprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**